Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 388 / 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Noel Buhagiar**

Illum 1 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Noel Buhagiar detenur tal-karta tal-identita Maltija 541071M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-gzejjer, nhar id-29 ta' Jannar 2010, kif ukoll f' din l-ahhar sena, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f' Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforna jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli sar recidiv b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-

Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt illi sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u ikkundannatu ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn ewro u wiehed u sitta u sittin centezmu (€201.66) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€381.33), b' kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin ewro u disgha u disghin centezmu (€582.99), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JB4 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll ir-rilaxx tal-mobile phone esebit bhala Dokument JB5 favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Noel Buhagiar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 t'Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn ma sabitx lill-appellant hati fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in

kwantu ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi l-appellant jinsab akkuzat bit-traffikar u bil-pussess aggravat tad-droga eroina.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-imputat m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Illi ghalkemm l-appellant mhuwiex tenut illi jressaq l-ebda prova huwa kemm a tempo vergine meta gie mitkellem mill-Pulizija u kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa ghazel illi jixhed u jispjega x' gara dakinhar liema verzjoni tal-fatti kienet anke sahansitra korroborata minn xhieda ohra senjatament mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"*Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit.*"

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita' . Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' proof beyond a reasonable doubt' :

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha

tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi a rigward tal-imputazzjoni tat-traffikar, l-Ewwel Qorti strahet biss fuq id-depozizzjoni tax-xhud Joseph Camilleri. Illi jigi rilevat illi din id-deposizzjoni tax-xhud Joseph Camilleri ma setghet qatt tittiehed in kunsiderazzjoni stante illi l-istqarrija originali tieghu mittiehda a tempo vergine kienet leziva ghad-drittijiet kostituzzjonali tieghu u dan peress illi ma kellux dritt ghall-assistenza legali. Dan ifisser illi kwalunkwe deposizzjoni u stqarrija [kemm l-istqarrija bil-gurament u kemm id-depozizzjoni tieghu bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti] tieghu moghtija sussegwentement ghall-istqarrija rilaxxata a tempo vergine minnu huma wkoll lezivi stante illi tali dikjarazzjonijiet gew kkundizzjonati minn dak li qal originarjament. Illi kieku x-xhud qal xi haga differenti huwa kien se jkun rinfaccjat u kkonfrontat mill-istqarrija originali tieghu u ghalhekk ma kellux ghazla ohra hlief illi jikkonferma dak li qal lilu. Dan ifisser illi l-istqarrija rilaxxata minnu a tempo vergine ikkundizzjonat u effettwat l-andament tieghu f' dak kollu illi huwa ddikjara u xehed anke sahansitra bil-gurament tieghu sussegwentement.

Illi fil-fatt jirrizulta ampjament illi x-xhud principali Joseph Camilleri rrilaxxa stqarrija liema stqarrija giet rilaxxata minghajr ma inghatalu d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u minghajr ma inghata l-possibilita' illi jara precedentament ghall-istqarrija rilaxxatta minnu l-fajl relattiv u ghalhekk l-istess

stqarrija hija leziva tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi d-dritt tal-esponent taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pregudikat meta x-xhud ewlieni Joseph Camilleri kien mizmum u mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni meta huwa ma kienx assistit minn avukat u din l-istqarrija sussegwentement intuzat kontra l-esponent stante illi minhabba tali stqarrija l-esponent gie arrestat u mressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni fil-proceduri kriminali. Fi kliem iehor, l-istqarrija tax-xhud ewlieni Joseph Camilleri mehuda b' mod leziv kienet il-pern tal-proceduri kriminali mehudin fil-konfront tal-appelkant stante illi kienet l-istess stqarrija li waslet ghall-arrest u eventwalment ghall-procediment kriminali fil-konfront tal-istess appellant.

Illi l-Ligi fiz-zmien illi fih ix-xhud Joseph Camilleri gie arrestat u investigat ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f' ebda hin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni kif ukoll ma kienetx tippermetti li l-persuna investigata access tal-file tal-Pulizija u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi x-xhud Joseph Camilleri ma kellux avukat biex jassistih waqt li kien qed jigi investigat mill-Ispettur u ma kellhux avukat li seta jassikura li d-drittijiet tieghu qed ikunu segwiti u salvagwardjati. Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-tehid tal-istqarrija huwa leziv tad-drittijijet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall-appellant.

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha.

Illi ssir referenza senjatament ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet **Mario Borg vs. Malta** datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F' dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe' dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:

"*(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*0. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi mhux biss ghandha titnehha mill-process kriminali l-istqarrija tal-appellant u kwalunkwe referenza ghaliha izda ghandha

titnehha wkoll l-istqarrija, l-istqarrija bil-gurament u x-xhieda bil-gurament anke tax-xhud Joseph Camilleri.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi ma tilqax dan l-argument fis-sens illi l-istqarrija, l-istqarrija bil-gurament u x-xhieda bil-gurament tax-xhud Joseph Camilleri ma jigux sfilzati, l-appellant jirrileva illi hemm kunflitt qawwi ta' provi bejn dak li qal hu bil-gurament u dak li qal ix-xhud Joseph Camilleri. Fil-fatt, filwaqt illi l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Joseph Camilleri, illi jghid illi dakinhar tal-arrest tieghu, huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-appellant u li kien ilu jaghmel dan ghall-perjodu ta' madwar sena, da parti tieghu l-appellant jghid illi dakinhar tal-arrest tieghu, huwa kien fil-pussess tal-eroina ghaliex kien fi triqtu lejn Joseph Camilleri u l-hsieb kien illi jaqsam din id-droga mieghu, kif solitament kien isir. Skont hu, id-droga kienet tieghu u ta' dan Joseph Camilleri.

Fil-fatt, l-appellant bil-gurament tieghu jispjega illi dakinhar tal-arrest tieghu huwa kien ser jaqsam id-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma' haddiehor fis-sens illi fil-hin tal-arrest tieghu, huwa kien sejjer jiltaqa' ma' habib tieghu sabiex flimkien, jiehdu d-droga li nstabet fuqu. Skont hu, din id-droga kienet "tieghi u ta' siehbi". Dan siehbu kien minn Haz-Zebbug ukoll, certu Joe. Jghid illi huma kienu jkunu flimkien u drabi kien jixtri d-droga hu u drabi kien jixtriha l-iehor.Jghid ukoll illi l-bicca l-kbira, kienu jiehdu d-droga flimkien, fis-sens illi drabi kien imur ghand dan siehbu u drabi ohra siehbu kien imur ghandu biex jikkunsmaw id-droga. Jghid illi dakinhar huwa kien sejjer il- garaxx tal-iehor u li dan kien cempillu qabel u ftehmu biex jaghmlu dan. L-appellant izid ukoll illi kienu jixtruha b' ghaxar liri stante li kienu jixtru zewg pakketti filghodu u zewg pakketti filghaxija u l-pakketti kienu tal-hames liri. Dakinhar huwa kien ghadu kif xtara d-droga u kien fi triqtu lejn siehbu u li din kienu jaghmluha ta' spiss.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-verzjoni tieghu hija iktar veritiera u verosimili u ghandha iktar mis-sewwa u dan kuntrarju ghal dak li intqal minn Joseph Camilleri li fil-verzjoni tieghu ma kien kredibbli xejn anke sahansitra meta qal illi kien jixtri d-droga eroina biss darba fix-xahar meta jaqbad il-paga u lkoll nafu illi persuni illi jabbuzaw mid-droga eroina ma jabbuzawx biss darba fix-xahar.

Illi bid-dovut rispett, jirrizulta ghalhekk illi filwaqt illi l-prosekuzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-pussess, hekk imsejjah semplici tad-droga eroina, pero' naqset illi ggib provi konklussivi illi l-istess pussess kien intenzjonat ghat-traffikar.

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulzija vs John Gerada</u>**<u>, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007),</u> fejn il-Qorti irriformat s-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lil l-appellant hati ta' pussess semplici biss:

*' L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:* ***"Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li seba' mill-qratas kienu kwazi identici fit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f' bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda limputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f' bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina nstabu wkoll ' xi bicciet tal-foil maqtughin' . Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku ' Soehnle' u maghduda f' daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f' daqqa: (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b' seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f' dan il-paragrafu flimkien hemm bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li l imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum."*** *Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-probation Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero`, jirrizulta illi l-appellant kien "addicted ghall-marijuana" u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. [...]F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra taghtih il-*

*beneficcju tad-dubju u sejra ssibu hati biss ta' pussess semplici. In vista ta' l-ammont involut pero`, jidhrilha illi l-ahjar mod ta' kif l-appellant jista' b' xi mod irodd xi haga lis-socjeta` filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu huwa billi jinghata ordni ta' probation u servizz fil-komunita`, u dan wara li l-imsemmija ufficjal tal-probation iddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika li huwa lest joqghod taht tali ordni.'*

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista ***safely and satisfactory*** tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti. B' mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f' kazijiet simili, u **sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b' mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet; liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil-kaz odjern tal-esponenti appellant stante illi l-verzjoni tax-xhud mhi kredibbli xejn.**

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Duncan Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Mejju, 2008, il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, rreteniet illi:

Fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta' erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta' 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta' mitt lira (Lm100). Huwa minnu li ddroga li nstabet kienet diga' maqsuma f' bicciet zghar u mgerrba f' bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m' huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b' xi mod jindikaw li tali droga ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand limputat jew inkella is-sejba ta' flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu [...] Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.

Illi anki f'certi kazijiet meta irrizulta li d-droga misjuba ma kinitx għall-uzu esklussiv tal-akkuzat, il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sitwazzjoni kollha fil-profond u kkonkludiet li filfatt ma kien jammonta għall-pussess aggravat. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Azzopardi** moghtija nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Imhallef Antonio Mizzi l-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet is-segwenti:

*'Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f' dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f' pozizzjoni li johodha. Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.'*

Ghaldaqstant ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi, il-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet:

*'Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'***

Illi l-iskop tal-Legislatur kien li jipprojbixxi li sustanza perikoluza tghaddi minn id ghall-ohra, u allura t-trasmissjoni tal-istess sustanza minn id ghall-ohra; u hija l-

Prosekuzzjoni li trid tipprova beyond reasonable doubt, u permezz ta' cirkostanzi fattwali illi l-akkuzat kien ifforma l-intenzjoni specifika li jghaddi d-droga lil haddiehor, u fil-mankanza , l-akkuzat ma jistax jinstab hati. Illi in oltre' , fl-istess kuntest, il-Ligi filwaqt li ssemmi l-kliem 'uzu esklussiv', ma tispecifikax liema modalitijiet ghandu jiehu dak l-uzu u ma tillimitax tali uzu ghall-konsum. Illi ghall-grazzja tal-argument, u ghall-fini ta' ezempju, jekk persuna takkwista ammont ta' droga eroina, sempliciment ghall-kurzita', u din qatt ma jkollha ebda intenzjoni li tghaddi l-istess sutanza lil terzi persuni, u din il-persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat, kjarament li din tkun ingustizzja. Illi l-principju regolatur huwa l-Prosekuzzjoni trid tipprova li dik il-persuna tkun iffurmat dik l-intenzjoni specifika li jghaddi l-istess droga lil terzi persuni, u mhux l-akkuzat li ghandu xi obbligu li jaghti gustifikazzjoni ta' dak il-pussess; u dan ukoll fil-kuntest tal-inverzjoni tal-oneru tal-prova diga' surreferit.

Illi wiehed ma jistax jakkwipara l-kelma 'uzu' mal-kelma 'konsum' , stante' li l-kelma 'uzu' hija ferm usa mill-kelma 'konsum'.

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabet lill-appellant hati tat-traffikar u illi kien fil-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. In konkluzzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal din il-htija stante' illi minn imkien mill-provi ma rrizulta illi l-esponenti appellant kien ser jisspaccja d-droga fil-pussess tieghu ma' terzi.

**B. L-Applikabilita' tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Illi l-appellant jirrileva illi fil-kaz odjern huwa jista jinvoka d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi senjatament:**

8. *(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b' reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi*

*akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f' isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akku?ata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x' aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.*

Illi l-appellant jirrileva illi kif anke irrizulta mill-provi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti r-reati li dwarhom l-appellant qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi rilevat illi fil-fatt ir-reati illi bih l-appellant huwa mixli huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat fejn l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal diversi snin u dan gie kkonfermat anke mix-xhieda bil-gurament tieghu stess. Illi dan kollu maghndux ihalli dubju illi l-appellant kien ilu filvizzju tad-droga ghal snin twal qabel dawn il-proceduri u li dan il-vizzju kien ukoll wiehed serju u ghalhekk dawn ir-reati li taghhom qed jinstab hati kienu effettivament attribbwibbli ghal dan il-vizzju.

Fil-fatt, anke meta xehed bil-gurament quddiem din l-Onorabbli Qorti l-appellant kien stqarr illi huwa jabbuza mid-droga eroina u kien ilu hekk jabbuza u fil-fatt id-droga misjuba kienet intiza ghall-uzu tieghu. Di piu' dan kollu huwa kollu kkorroborat kemm mix-xhieda ta' Jean Cali' in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas illi spjegat illi l-appellant kellu problema kbira tad-droga u fil-fatt beda jattendi

gewwa l-Agenzija Caritas sabiex johrog minn din il-problema. Ghalhekk dan kollu jikkorobora l-fatt u l-verzjoni tal-appellant illi huwa kellu vizzju serju tal-droga.

Ghalhekk tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tapplika l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 u cioe` illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

**C. Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija u cioe' dik ta' ghaxar (10) xhur prigunerija hija wahda eccessiva.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

*'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli****.'*

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-

ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry**, f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta

komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi l-appellant jirrileva illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-piena karcerarja ta' ghaxar xhur prigunerija flimkien ma' multa hija eccessiva u ma tohloqx dak il-bilanc tant accennat bejn l-aspett riformattiv u l-aspett retributtiv. Illi inoltre jigi rileva tilli ghalkemm l-appellant mghandux fedina penali netta l-ahhar reat jirrisali ghas-sena elfejn u ghaxra fejn minn dak iz-zmien ' l hawn l-appellant qatt ma kiser difru mal-gustizzja.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant irrijabilita ruhu kompletament mill-vizzju tad-droga cannabis, u dan kif anke rrizulta wkoll mis-Social Inquiry Report redatt fil-konfront tieghu fejn illum il-gurnata huwa jghix hajja ta' bzulija u ghandu impjieg regolari. Illi konferma ta' dan kollu xehdet ukoll Jean Cali`, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, li spjegat illi l-appellant kien ilu jattendi gewwa l-Agenzija Caritas ghal diversi snin fejn l-appellant baqa' jattendi ghal sessjonijiet fejn it-testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-appellant dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u l-appellant baqa' jzomm il-boghod mid-droga.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost piena karcerarja effettiva fic-cirkostanzi ma tkunx idonea u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern specjalment ir-rijabilitazzjoni illi ghamel u temm b' success l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie arrestat Joseph Camilleri wara li kellu sustanza suspettata droga eroina;

2. Illi fl-istess jum, Joseph Camilleri irilaxxa stqarrija fejn iddeskriva l-persuna minghand min kien xtara din id-droga u li kien issoltu jixtri id-droga minghandha. Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament l-ghada li giet rilaxxata;

3. Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie esegwit mandat ta' arrest fil-konfront tal-appellant, fejn l-appellant gie mwaqqaf waqt li kien qieghed isuq u instabu erba' (4) qratas b'sustanza suspettata eroina taht is-seat tax-xufier;

4. Illi gie elevat ukoll il-mobile phone li kien fuq l-appellant;

5. Illi sussegwentement inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'A' jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Gie sottomess li kien hemm diversi punti li l-Ewwel Qorti ghazlet li jew tinjorahom jew ma temminhomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova. Jaghmel sottomissjonijiet dwar pincipji legali fosthom li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond reasonable doubt u li l-appellant mhuwiex tenut ili jressaq l-ebda prova izda xorta ghazel li jixhed.

L-appellant jissottometti li rigward l-imputazzjoni tat-traffikkar, il-Qorti strahet fuq id-depozizzjoni tax-xhud Joseph Camilleri. Skont l-appellant din id-deposizzjoni tax-xhud Joseph Camilleri ma setghet qatt tittiehed in kunsiderazzjoni stante li l-istqarrija originali tieghu mittiehda a tempo vergine kienet leziva ghad-drittijiet kostituzzjonali tieghu u dan peress li ma kellux dritt ghall-assistenza legali. Ghalhekk kwalunkwe deposizzzjoni u stqarrija, kemm l-istqarrija bil-gurament u kemm id-deposizzjoni tieghu bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti moghtija sussegwentement tal-istess huma wkoll lezivi stante li tali dikjarazzjonijiet gew ikkundizzjonati minn dak li qal originarjament. Jissottometti li ma kellux ghazla ohra hlief li jikkonferma dak li qal lilu. Dan ifisser li l-istqarrija minnu rilaxxata a tempo vergine ikkundizzjonat u efettwat l-andament tieghu f'dak kollu li huwa ddikjara u xehed anke sahansitra bil-gurament tieghu sussegwentement.

Jaghmel sottomissjonijiet dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Skontu, d-dritt tieghu taht dawn l-artikoli kien irrimedjabbilment pregudikat meta x-xhud ewlieni Joseph

Camilleri kien mizmum u mitkellem mill-Pulizija Ezejuttiva u rrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni meta huwa ma kienx assistit minn avukat u din l-istqarrija intuzat kontra l-appellant. Jaghmel anke referenza ghal li l-ligi ma kinitx tippermetti li l-persuna investigata access tal-file tal-Pulizija.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta li Joseph Camilleri irrilaxxa stqarrija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Din tinsab immarkata bhala Dok 'JB1' a fol 7 tal-process verbal immarkat bhala Dok JM1. Sussegwentement jirrizulta li Joseph Camilleri ta' xhieda guramentata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn wara li nghata d-debita twissija ikkonferma l-istqarrija rilaxxata. Joseph Camilleri xehed fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn apparti x-xhieda tieghu, huwa rega gie moqri l-istqarrija rilaxxata minnu u fejn ikkonferma li dak mistqar fl-istqarrija hija l-verita.

Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li Joseph Camileri mhux talli ma kkontestax l-istqarrija rilaxxata minnu minghajr il-jedd li jottjeni parir legali, izda kkonfermaha f'dawn il-proceduri u lanqas ilmenta li din l-istqarrija ttiehdet bi ksur tad-drittijiet tieghu. Id-difiza kellha l-okkazzjoni li taghmel il-kontro-ezami tax-xhud kif filfatt ghamlet. Ghalhekk il-Qorti qieset l-istqarrija ta' Joseph Camilleri bhala prova ammissibli.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Clayton Azzopardi'**[1] gie kkunsidrat:

'13. *Ngħaddu issa biex inqisu l-ewwel aggravju li ressaq l-attur li jgħid illi l- ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta x-xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni – Maria Assunta Vella – fit-teħid tal- istqarrija tagħha wkoll ma kinetx assistita minn avukat. Hu jfisser dan l-aggravju tiegħu hekk:*

[1] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 12/2016 MH)

*»Illi l-appellant jirrileva illi l-fatt illi x-xhud prinċipali fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kellhiex il-benefiċċju tal-assistenza legali meta rrilaxxat l- istqarrija tagħha jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu stante illi l-istess stqarrija ġiet moqrija meta ġiet biex tixhed susseg-wentement l-istess xhud fil-proċeduri kriminali surreferiti.*

*»Illi fil-fatt fil-proċess kriminali illi ġie allegat mal-proċeduri odjerni jirriżulta ampjament illi x-xhud Maria Assunta Vella rrilaxxat stqarrija datata 16 ta' Gunju tas-sena 2009 liema stqarrija ġiet rilaxxata min- għajr ma ngħatalha d-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha u għalhekk l-istess stqarrija jew xi referenza għaliha hija leżivi tad- drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal- appellanti.*

*»Illi d-dritt tal-appellant taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l- artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment preġudikat meta ġiet użata l-istqarrija tax-xhud tal-prosekuzzjoni meħuda b'mod leżiv u abużivament fil-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tiegħu. Fil-fatt, id-dritt tal-appellant taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pre- ġudikat meta x-xhud ewlieni Maria Assunta Vella kienet miżmuma u mitkellma mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxat stqarrija waqt l-inter- rogazzjoni meta hija ma kinitx assistita minn avukat u din l-istqarrija sussegwentement intużat kontra l-esponent stante illi minħabba tali stqarrija l-esponent ġie arrestat u mressaq il-qorti akkużat bl-akkużi odjerni fil-proċeduri kriminali u tinsab esebita fil-proċess kriminali tiegħu apparti illi l-istess stqarrija saret referenza għaliha meta Maria Assunta Vella ġiet biex tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fi kliem ieħor, l-istqarrija tax-xhud ewlieni Maria Assunta Vella meħuda b'mod leżiv kienet il-pern tal-proċeduri kriminali meħudin fil-konfront tal- esponent Clayton Azzopardi stante illi kienet l-istess stqarrija li wasslet għall-arrest u eventwalment għall-proċediment kriminali fil-konfront tal- istess esponent.*

*»Illi l-liġi fiż-żmien illi fih l-esponent ġie arrestat u investigat ma kinetx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda ħin tal- arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni, kif ukoll ma kinetx tippermetti lill-persuna investigata aċċess tal-file tal-pulizija u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet*

*tal-Bniedem.*

*»Illi kemm l-esponenti kif ukoll ix-xhud Maria Assunta Vella ma kell- homx avukat biex jassistihom waqt li kienu qed jiġu investigati mill- ispettur u ma kellhomx avukat li seta' jassikura li d-drittijiet tagħhom qed ikunu segwiti u salvagwardjati.*

*»… … …*

*»Illi iżda l-ewwel onorabbli qorti ħasset illi għalkemm hemm ksur tad- drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-każ tal-istqarrija tal-appellant, dan l-istess ksur ma jissusstix fil-każ tal-istqarrija tax-xhud Maria Assunta Vella. Illi l-ewwel onorabbli qorti rriteniet illi se mai għandu jkun ix-xhud li jilmenta minn nuqqas ta' assistenza legali u mhux l-appellant. Il-qorti rriteniet illi l-interess personali, dirett u attwali fl-attakk tal-istqarrija jinħtieġ ikun tax-xhud miġjub, allura ta' Maria Assunta Vella, u mhux tal-appellant.*

*»Illi l-appellant umilment jirrileva illi ma jaqbel xejn ma' tali raġunament stante illi huwa għandu interess dirett, personali u attwali fir-rigward tal-istqarrija tax-xhud Maria Assunta Vella għax l-istess stqarrija wasslet sabiex hu jiġi arrestat u eventwalment l-istess stqarrija tinsab esebita fl-inkartament kriminali u saret referenza għaliha meta ġiet biex tixhed l-istess Maria Assunta Vella. Fil-fatt, Maria Assunta Vella l- ewwel xehdet di sua sponte imbagħad ġie moqrija lilha l-istqarrija fejn għażlet ukoll li tikkonfermaha quddiem il-qorti adita bil-proċeduri kri- minali.*

*»Illi inoltre jiġi rilevat illi fiż-żmien illi xehdet ix-xhud prinċipali Maria Assunta Vella u cioè nhar is-17 ta' Jannar tas-sena 2012 il-qrati Maltin ma kinux għadhom ħadu pożizzjoni ċara rigward l-ammissibilità o meno tal-istqarrija – kienu għadhom ma irrikonoxxewx b'mod ċar il- posizzjoni meħudha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis- sentenza <u>Salduz v. Turkey</u> deċiża nhar is-27 ta' Novembru tas-sena 2008. Illi inoltre jirriżulta illi meta ġiet biex tixhed ix-xhud ewlieni Maria Assunta Vella mhux biss saret referenza lilha għall-istqarrija rilaxxata minnha (u li ttieħdet b'mod abużiv u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem) iżda saħansitra ġiet moqrija lilha l-istess stqarrija mill- bidu sal-aħħar mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond J. Borg u għalhekk fix-xiehda ġuramentata tagħha hemm l-istqarrija rilaxxata minnha in toto liema stqarrija skont ġurisprudenza kopjuża ttieħdet b'mod abużiv.*

*»Illi dan kollu jsib konfort anke fis-sentenza ta' <u>Mario Borg v. Malta</u> datata 12 ta' Jannar tas-*

*sena elfejn u sittax 2016 illi sabet leżjoni tad- drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taħt l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-qorti rriteniet illi d- dritt tal-assistenza legali għandha tkun ir-regola ġenerali u tali dritt għandu jingħata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiża jkun ippreġudikat meta persuna taħt investigazzjoni tagħti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha mingħajr ma tkun ingħatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha. Inoltre, l-istess qorti rriteniet illi ċ-ċaħda sistematika ta' dan id- dritt huwa leżiv tal-artikolu 6 u cioè dak għal smigħ xieraq. Fil-fatt, l- istess qorti saħqet illi:*

*» "(i) General principles*

*»56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the pri- vilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*»57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is de- monstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restirct this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudied when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*»58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*»(ii) Application to the present case*

*»59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the*

*pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*»60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an appellant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51- 57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yesilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*»61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraign- ment).*

*»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assitance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restricitons if there are compelling rasons (see Salduz, cited above, §§ 52-55 and 56).*

*»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

*»Illi din l-istess sentenza rribadiet il-prinċipju illi nuqqas ta' assistenza legal tal-persuni illi xehdu fil-proċeduri tiegħu wkoll jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante illi affettwa l-andament tal-proċeduri kriminali u għalhekk f'dak ir-rigward ir-rikorrenti seta' jitqies ikollu a victim status. Illi l-istess sentenza saħqet iżda illi għal- kemm it-talba tiegħu kienet ammissibbli stante illi kienet diġà sabet ksur ma kinitx se tidħol iktar fil-*

*fond tal-ilment:*

*»71. For the purposes of the present case the Court accepts that the applicant has victim status. It also considers that the complaint is not manifeslty ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 (a) of the Convention, nor does it appear inadmissible on any other grounds. It must therefore be declared admissible.*

*»72. However, having regard to the findings in paragraph 63 above, the Court does not consider it necessary to examine the merits of this complaint.«*

14. *Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax- xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l- fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.*

15. *Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis- sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil- proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:*

*»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel listqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l- istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«*

16. *Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:*

*»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l- equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

*»... ... ...*

*»39. ... ... ... ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċess- arjament ħażin ukoll.«*

17. *Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-inter- rogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l- istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal- jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l- istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l- attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro- eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.*

18. *Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) v. Patrick Spiteri'**[2] gie kkunsidrat li:

*'38. Gà rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Generali, illi l-fatt waħdu illi ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

*39. Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.'*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza deciza minn din il-Qorti kif preseduta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Spettur Neville Aquilina Vs Carmel sive Charles Spiteri'**[3] din il-Qorti qieset li:

*'Karl Muscat minn naha tieghu ghalkemm fl-istqarrija li kien irrilaxxa dak iz-zmien u cioe' fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kien car fi kliemu u cioe' li kien jintbagahat miz-ziju tieghu u cioe' l-appellant ibiegh id-droga ghaz-ziju tieghu, huwa f'dawn il-proceduri allega li dak li kien stqarr fl-istqarrija ma kienx minnu u lanqas meta l-istqarrija giet guramentata. Jaghti x'jifhem li l-pulizija gieghluh jirrilaxxa dik l-istqarrija. Mill-process tal-kawza kontra Karl Muscat jirrizulta ukoll li kienu gew intavolati proceduri kostituzzjonali sabiex tigi attakata l-istqarrija, liema sentenza mhijiex esebita in atti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sussegwentement wara li l-kawza kostituzzjonali ghaddiet in gudikat, ikkonfermat il- htija kontra Karl Muscat u naqset il-piena inflitta. Dwar il-kwistjoni tal-istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), tqis li minkejja li Karl Muscat kien instab hati u gie anke kkundannat piena ta' prigunerija effettiva, gialadarba jirrizulta li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet fiz-zmien meta huwa ma kellux jedd li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid taghha u lanqas li jkollu Avukat prezenti, din il-Qorti tent kont tal-kontestazzjoni li Karl Muscat qieghed iressaq u anke in vista tad-'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u*

[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2013 (Appell Civili Numru: 66/2011/1)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar, 2020 (Appell numru: 198/2019)

*tal- Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal- awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà' li t-trasposizzjoni taghha fil-ligi Maltija dahlet ferm wara li Karl Muscat kien irrilaxxa l-istqarrija tieghu, sejra tiskarta l- istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) immarkata bhala Dok NH2. Din il-Qorti sejra tiskarta ukoll id- deposizzjoni guramentata tal-istess Karl Muscat moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-ewwle (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn ukoll ma jirrizultax jekk Karl Muscat kienx assistit minn Avukat jew jekk inghatax id- dritt li jkollu Avukat waqt ir-rilaxx ta' din id-deposizzjoni.'*

A differenza ghal kaz odjern, fil-kawza citata ix-xhud kien ikkontesta l-istqarrija rilaxxata minnu. Filwaqt li fil-kawza odjerna ix-xhud Joseph Camilleri ma kkontestax l-istqarrija tieghu anzi kkonfermaha ghal darba, darbtejn bil-gurament. Ghalhekk din il-Qorti tqis li nonostante li l-istqarrija giet rilaxxata fiz-zmien meta suspettat ma kellux dritt la biex jikkonsulta ma' Avukat qabel l-interogazzjoni u lanqas li jkollu Avukat prezenti waqt l-istqarrija, gialadarba x-xhud ma kkontestax l-istqarrija rilaxxata minnu, tali prova hija wahda ammissibli.

Mhux l-istess jista' jinghad dwar l-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u li tinsab a fol 25 et sequitur immarkata bhala JB3 fejn il-Qorti fis-sentenza appellata korrettament tenut kont tal-fatt li l-appellant ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxa l-istqarrija tieghu, qisitha bhala inammissibli u skartatha. Iddecidiet li dan japplika wkoll ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-istess imputat waqt l-interrogatorju tieghu.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti li hemm kunflitt qawwi ta' provi bejn dak li qal l-appellant bil-gurament u dak li qal ix-xhud Joseph Camilleri. Filwaqt li l-prosekuzzjoni ressqet

bhala xhud lil Joseph Camilleri li jghid li dakinhar tal-arrest tieghu, huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-appellant u ghamel dan ghal perjodu ta' madwar sena, da parti tieghu l-appellant jghid li dakinhar tal-arrest kien fil-pussess tal-eroina ghaliex kien fi triqtu lejn Joseph Camilleri u l-hsieb kien li jaqsam din id-droga mieghu, kif solitament kien isir. Jaghmel referenza ghax-xhieda tieghu, jghid li l-verzjoni tieghu hija iktar veritiera u verosimili u ghandha iktar mis-sewwa u dan kuntrarjament ghal dak li inqtal minn Joseph Camilleri li fil-verzjoni tieghu ma kien kredibbli xejn tant li kien qal li jixtri d-droga eroina biss darba fix-xahar meta jaqbad il-paga u li lkoll naf li persuni li jabbuzaw mid-droga eroina ma jabbuzawx biss darba fix-xahar. Ghalhekk skont l-appellant il-prosekuzzjoni rnexxiela tiprova sal-grad rikjes mil-ligi l-pussess semplici tad-droga eroina, pero' naqset li ggib provi konklussivi li l-istess pussess kien intenzjonat ghat-traffikar.

Jissottometti li sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat, il-Qorti trid wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali li mic-cirkostanzi tista' *safely and satisfactory* tigbed inferenza u tikkonkludi li kien hemm l-intenzjoni pozittiva diretta u specika tal-ispacc. Li mhux kull cirkostanza li tista' twassal xi suspett hija sufficenti. L-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet, liema intenzjoni qatt ma rrizultat fil-kaz odjern tal-appellant stante li l-verzjoni tax-xhud mhi kredibbli xejn. Li f'certi kazijiet meta irrizulta li d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sitwazzjoni kollha fil-profond u kkonkludiet li filfatt ma kienx jammonta ghall-pussess aggavat. Jissottometti li l-iskop tal-legislatur kien li jiprojbixxi li sustanza perikoluza tghaddi minn id ghall-ohra, allura t-trasmissjoni tal-istess sustanza minn id ghall-ohra, u hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova beyond reasonable doubt, u permezz ta' cirkostanzi fattwali li l-akkuzat kien ifforma l-intenzjoni specifika li jghaddi d-droga lil haddiehor, u fil-mankanza l-akkuzat ma jistax jinstab hati. Li l-ligi filwaqt li ssemmi l-kliem 'uzu esklussiv', ma tispecifikax liema modalitajiet ghandu jiehu dak l-uzu u ma tillimitax tali uzu ghall-konsum. Jisottometti li jekk persuna takwista ammont ta' droga eroina ghal kurzita u din qatt ma kellha ebda intenzjoni li tghaddi l-istess sutanza lil terzi, u din il-persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat, tkun ingustizzja.

Irid jigi pruvat li dik il-persuna tkun iffurmat dik l-intenzjoni specifika li jghaddi l-istess droga lil terzi persuni, u mhux l-akkuzat li ghandu xi obbligu li jaghti gustifikazzjoni ta' dak il-pussess u dan ukoll fl-kuntest tal-inverzjoni tal-oneru tal-prova. Jissottometti li wiehed ma jistax jakkwipara l-kelma 'uzu' mal-kelma 'konsum' stante li l-kelma 'uzu' hija ferm usa mill-kelma konsum. Jissottometti li l-Qorti ghamlet apprezament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u skorettament sabet lill-appellant hati tat-traffikar u li kien fil-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Jissottometti li minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-appellant kien ser jispaccja d-droga fil-pussess tieghu ma terzi.

Din il-Qorti sejra tibda billi in succint taghmel referenza ghal provi saljenti mressqa. L-Ispettur Jesmond J. Borg fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu l-Pulizija tad-Drug Squad esegwew mandat ta' arrest li hareg fil-konfront ta' Noel Buhagiar. Noel Buhagiar kien ghaddej minn Triq tad-Dawl fl-area ta' Haz-Zebbug, isuq il-karozza tieghu Hyundai Atos kien imwaqqaf mill-pulizija u minn tfittixija li saritlu fil-vettura tieghu IBH891, taht is-seat tax-xufier, tahtu stess igifieri, il-pulizija sabu erba' (4) boroz zghar b'sustanza ta' lewn kanella droga suspettata eroijna li kienet tizen globalment bejn wiehed u iehor 1.2 grammi. Saru diversi tfittxija fir-residenza tieghu minn fejn il-pulizija elevaw diversi rollijiet tal-foil u saru anke tfittxijiet fil-garage tieghu u fuq il-Pajero DBQ165 li rrizultaw fin-negattiv. Huwa kien arrestat ghal aktar investigazzjonijiet. Xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kienu arrestaw lil certu Joseph Camilleri li kien ghadu kemm ghamel kuntatt ma Noel Buhagiar, gie arrestat, kien irilaxxa sqarrija fejn anke kkonfermaha bil-gurament li kien xtara d-droga minghand Noel Buhagiar, kien ghamel kuntatt mieghu u eventwalment kienet giet ikkonfermata bil-gurament.

PS1086 Johann Micallef xehed fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn xehed li nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) waqqfu lil Noel Buhagaiar li gharaf bhala l-imputat fejn fil-vettura tieghu gew misjuba erbat'iqratas. Ghamlu tifttxija fir-residenza tieghu u kienet fin-negattiv.

Huwa gie muri JB4 u JB5 li gharaf bhala erbat'iqaratas fil-borza ta' lewn kannella li kienu instabu fil-vettura u mobile phone li kien fuq il-persuna stess li kien itteggjah PS 579.

PS579 Antoine Micallef fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu waqfu lil Noel Buhagaiar li gharaf fl-awla fl-area tad-Dawl, Haz-Zebbug li kien qed isuq Atos hamra fejn min tahtu fejn kien bilqeghda fuq is-seat kien hemm erbat iqratas suspettati erojina. Saret tfittxija fir-residenza tieghu 19, Bona Street, Zebbug u rrizultat fin-negattiv. Gie muri JB4 u JB5 u xehed li dawn il-boroz tal-qratas li kienu taht is-seat tahtu u dan il-mobile li kien fuqu.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-istqarrija ta' Joseph Camilleri li tinsab a fol 7 tal-process verbal immarkat bhala Dok JM1. L-istqarrija hija datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u mmarkata bhala Dok 'JB1'. Fost affarijjiet ohra Joseph Camilleri stqar li ghandu il-laqam 'Ic-Ciequ'. Mistoqsi dwar id-droga li instabet qal li '*Jien ma nabbuzax mid-droga b'mod regolari. Illum iddecidejt li nixtri pakkett u ghall-habta tas-1:00pm, cempilt lil wiehed li gieli qdieni u staqsejtu ghal pakkett. Hu qalli li kellu u ftiehmt mieghu sabiex niltaqghu hdejn il-Peridot fit-triq bejn haz-Zebbug u s-Siggiewi. Hu kien mixi u kif iltqajt mieghu, tani l-pakkett u tlaqt l'hemm. Ftit wara gejt arrestat.*' Ilu jabbuza mid-droga ghal bejn wiehed u iehor xi sena mill-eroina biss billi jahraqa. Stqarr li '*Nixtri pakkett kull meta naqbad ic-cekk, qisu darba f'xahar.*' Mistoqsi kemm xtara llum wiegeb '*Dak il-pakkett li sibtuli*' u hallas €10. Mistoqsi kif sar jaf b'din il-persuna li xtara minn ghandha, wiegeb li '*Kont narah il-Pjazza u kont nisma minghand in-nies li jbiegh.*' Mistoqsi kif ghamel kuntatt mieghu l-ewwel darba, wiegeb '*Jekk niftakar sew, kien qieghed il-Pjazza u ma nafx kif mort fuqu u staqsejtu. Kien qdieni pakkett u jekk mhux sejjer zball, kont hallast ghalih xi €13. Minn hemm il-quddiem, kont ninqeda minn ghandu qisu darba kull xahar u kont narah fil-Pjazza ta' haz-Zebbug. Wara xi zmien, kien ukoll tani l-mobile tieghu u meta kien ikolli bzonn, jew kont incempillu fuq il-mobile jew insibu l-Pjazza.*' Mistoqsi '*Meta iccempillu, kif ikun jaf li kont int li cempiltlu?*' wiegeb '*Jien kont nghidlu li jien Joe u kien jarafni.*' Mistoqsi kemm il-darba inqeda minghandu, wiegeb li xi tnax il-darba u kkonferma li dejjem

minghandu xtraha, dejjem minn ghandu hadha. Jghid li '*X'jismu ma nafx pero huwa wiehed naqra irqieq u fih ftit itwal minni. Normalment ikollu xaghru l-fuq u mhix twila.*' Jaghrfu zgur. Mistoqsi ghandux xi karozza, wiegeb '*Ikun b'hafna karozzi. Dan l-ahhar qieghed ikun b'karozza zghira qisha Hyundai u jekk mhux sejjer zball, il-karozza hija griza.*' Mistoqsi fejn jiftehmu sabiex jghaddilu id-droga wiegeb '*Normalment haz-Zebbug stess. Gieli qdieni mit-tieqa tad-dar tieghu ukol. Dejjem pakkett wiehed xtrajt u tieghu izommli €10.*' Spjega li '*Joqghod fit-triq li mill-Ghassa ta' haz-Zebbug tinzel biex tohrog il-barra fid-direzzjoni tal-Peridot. Joqghod ftit l-isfel mill-ewwel Pjazza z-zghira li hemm fid-direzzjoni ghal barra. Naf li ghandu bieb tal-hgieg u jekk mhux sejjer zball, it-tieqa hija tal-hgieg ukoll. Sa fejn naf jien, it-tieqa tislajdja.*' Mistoqsi ghand-numru tal-mobile ta' din il-persuna qal li qieghed fuq il-mobile u huwa 99054640. Jahseb li din il-persuna ghandu vicin l-erbghin sena. Ma jafx ikollux droga ohra apparti l-eroina, dejjem l-eroina xtara minn ghandu. Gieli tah mid-dar. Jaf li mizzewweg u ghandu t-tfal. Dejjem kien wahdu meta qdieh bid-droga. Mistoqsi '*Qieghed nurik il-borza bin-numru 153, li fiha bicca foil u pakkett zghir li jidher li hu bid-droga. Tikkonferma li hu l-istess pakkett li hadulek il-pulizija minn gol-karozza tieghek illum?*' wiegeb '*Iva.*' Li huwa l-istess pakkett li xtara minghand din il-persuna minn Haz-Zebbug. Meta xtara d-droga qatt ma ta minnha lil xi hadd, dejjem ghalih xtraha. Ikkonferma li t-trab fil-borza huwa eroina. Ma jahsibx li ghandu l-vizzju.

Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) Joseph Camilleri quddiem il-Magistrat Inkwirenti wara li gie moghti t-twissija, gie moqri l-istqarrija li ta quddiem il-Pulizija l-bierah fl-ufficju tal-Ispettur Jesmond Borg. Huwa kkonferma li din hija l-istqarrija li ta lill-Pulizija u wara li regghet inqratlu, volontarjament ikkonfermaha bil-gurament.

Joseph Camilleri xehed fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Huwa kkonferma li kien gie arrestat u li ttiehdu proceduri kontrih fil-Qorti u li l-kaz huwa deciz. Spjega li kien xtara pakkett eroina hames liri u qabduh. Dakinhar kien cempel lil Noel li jaghraf bhala l-imputat. Jghid li '*kont ha niltaqa' mieghu u qabduna hux.*' Mistoqsi jekk qabduh il-pulizija wara li ltaqa ma' Noel jew qabel, wiegeb '*Qabel hux, qabel li ltqajt mieghu.*' Mistoqsi '*igifieri inti kont ilhaqt xtrajt xi haga minn ghand Noel qabel ma qabduk il-pulizija?*' wiegeb '*Kelli, xtrajt packet hux u qabduni l-pulizija.*' Mistoqsi

jiftakarx x'kien qal lil Pulizija wiegeb '*Li kont xtrajtu m'ghand Noel.*' Giet moqrija l-istqarrija rilaxxata minnu u esebiti fil-process verbal Dok JM1 a fol 7. Mistoqsi '*hawnhekk inti fuq din l-istqarrija kont semmejt dan il-persuna minn Haz-Zebbug li tghajtna d-deskrizzjoni tieghu, ghandu erbghin sena, xgharu l-fuq, huwa l-istess persunas li indikajtilna ftit ilu li qieghed hawnehkk fl-awla, Noel?*' wiegeb '*Iva.*' Ikkonferma li ftit wara li ghamel l-istqarrija, giet Magistrat u kkonfermaha bil-gurament quddiemha. Mistoqsi jekk xtaqx ibiddel xi haga minnha dik l-istqarrija jew il-verita', wiegeb li l-verita'. In kontro-ezami gie mistoqsi dwar jekk kien jixtri minn ghandu qabel ma tah in-numru wiegeb '*Xi ftit hux, mhux hafna voldieri.*' Mistoqsi qabel ma tah in-numru, kif kien jaghmel kuntatt ma' Noel, wiegeb li kien jarah il-pjazza.
Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) Dr Martin Bajada esebixxa rapport immarkat bhala Dok MB. Dan ir-rapport jikkontejeni l-kontenut mahrug minn fuq cellulari u Sim Card.

L-Ispizjar Godwin Sammut xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn spjega li '*Ghamilt analizi fuq il-kontenut ta' dan l-istess envelope fuq estratti mit-trab kannella li hemm fid-dokument 051201 instabet is-sustanza Erojina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.73 grammi u l-purita tieghu kienet ta' circa 23%.*' Ir-rapport gie esebit bhala Dok GS1. Il-piz tal-erba' (5) qratas kien ta' 0.18g, 0.15g, 0.20g u 0.20g. Ikkonkluda li '*fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 051_12_01, instabet is-sustanza Eroina. Il-piż total tat-trab kien ta' 0.73 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 23%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

L-imputat Noel Buhagiar xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa kkonferma li f'Jannar 2010 qabduh il-pulizija. Jghid li d-droga kien ser jaqsama ma wiehed. Xehed li '*konna sejrin nehduha jien w iehor flimkien.*', li '*Dak kienu gew il-pulizija, kont sejjer ghand dan il-habib jien u gew il-pulizija fuqi, u kelli tieghi u ta' siehbi.*' Il-persuna l-ohra minn Haz-Zebbug jismu '*Joe, Joe Camilleri ghandu jkun, konna inkunu flimkien u daqqa jixtri hu u daqqa nixtri jien u dakinhar meta qabduna, hu kien qal li xtraha minn ghandi.*' Mistoqsi '*Intom dejjem flimkien kontu tehduha igifieri?*' wiegeb '*Il-bicca l-kbira, daqqa jigi ghandi hu u daqqa mmur ghandu jien.*' Jikkunsmawha flimkien, mhux itiehielu u jitlaq. Jghid li '*kont sejjer il-garaxx tieghu jien fil-fatt.*

*Dakinhar li qabduni kont sejjer il-garaxx tieghu. Kien cempilli ghax jiena ma kontx nahdem dak iz-zmien u kont sejjer il-garaxx tieghu.'* Kellu erba' (4) pakketti fuqu, kienu jiehdu tnejn kull wiehed, zewg pakketti zghar. Darba filghodu u darba filghaxija. Mistoqsi '*anke hu hekk kien jiehu?'* wiegeb '*Ehe, il-bicca l-kbira, daqqa kien jixtri hu u daqqa kont nixtri jien.'* Kienu jiehduha '*Daqqa fil-garaxx tieghu u gieli anke fid-dar tieghi, meta ma kienx ikun hemm mil-mara.'* Ilu mizzewweg min-*ninety six* u llum ghandu impjieg fiss mal-construction. Kien ghamel programm ta' sena il-CARITAS, ilu tlett (3) snin wieqaf. Ftit wara li qabduh il-pulizija, mar ghall-ghajnuna u sab il-CARITAS, ghamel programm minn barra mhux residenzjali, kien imur jaghtihom il-urine u jitlaqa' maghhom. Kienet isegwih certu 'Steph'. X'hin beda jahdem ma baqax imur il-Caritas. Ikkonferma li kien il-programm 2010/2011 xi haga hekk.

In kontro-ezami mistoqsi meta gara dan il-kaz kemm kienu ilu ghaddej bl-abbuz tad-droga wiegeb li kien ilu naqra, minn dejjem, qata dan l-ahhar. Kien jiehu naqra filghodu u naqra filghaxija. Kienu jixtruha b'ghaxar liri. Zewg pakketti filghodu u zewg pakketti filghaxija u l-pakketti kienu ta' five. Dakinhar li gara l-kaz, id-droga kien xtraha dakinhar. Kien mar jixtri wahdu. Kien sejjer ghandu. Kienu jaghmluha ta' spiss, daqqa ghandu u daqqa jigi ghand l-imputat. Jikkonferma li din il-bicca xoghol kienet issir ma din il-persuna biss. Jghid '*ifhimni kellna zewgt ihbieb, imma l-bicca l-kbira ma dan kont niltaqa' hafna.'* Mistoqsi '*igifieri barra dan kien hemm persuni ohra?'* wiegeb '*U inti ma tafx kif tkun? Imma ma dan qisha regolari konna nkunu hafna.'*

Ruth Buhagiar mart l-imputat xehdet fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Xehdet li ilhom mizzewgin ghoxrin (20) sena u ghandha zewgt itfal. Spjegat li '*noel kellu problema tad-droga. Ilu wieqaf 5 snin. Ghamel programm mal-Caritas fuq barra u ghalija miraklu kbir biex tohrog minnha din il-marda. Ghalija marda.'* Ilu 5 clean u jistghu johorgu. Jahdem. Il-programm mal-Caritas ghamlu fuq barra, mhux residenzjali. Kienet issegwih Steph. Ma ghadux f'kuntatt izda jiltaqa maghha meta jkun bit-trakk u jieqaf ikellimha. Spjegat li '*Noel kien jiehu l-eroina. Ghalija huwa miraklu biex hareg minnha. Kien jibki, kien jghidli nixtieq naqta' idejja u nieqaf gurnata. Konna mmorru l-isla quddiem ir-Redentur kont nghid lanqas qatt ma nista nigi bhan-nies jien. Imma llum il-gurnata nistghu mmorru tieg u naghmlu sal-ahhar. Qabel 4 hours biss u*

*mmorru d-dar.*' Tikkonferma ghax jigi sick, spjegat li '*Ghalija hu kien jiehu d-droga biex jigi bhalna , biex ikun jista' jahdem.*'

Jean Cali xehdet fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li '*Noel Buhagiar, kien fis-2nd November, 2010 u l-ahhar appuntament li kellu, kien jigi regolari, sat-30th December, 2011. Waqaf jigi ghandna ghar-raguni li waqqaf il-Methadone, kien sejjer tajjeb u beda jahdem, ghal dik ir-raguni waqqafnieh.*' Ma regax avvicinahom, baqa' tajjeb. L-ahhar li rawh kien fit-30 ta' Dicembru 2011 u cioe' sentejn ilu. Il-kaz ma tafx meta kien, suggeriet lilha li l-kaz Jannar 2010 qalet li '*Kien qed jigi ghandna, yes, yes, yes, yes, regolari once a week u kien sejjer tajjeb, qabad jahdem imbaghad.*' Tikkonferma li iqisuh rijabilitat '*ghax persuna meta' tibqa ghandna u tibqa' clean.*'

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti jirrizulta li x-xhud ewlieni kien Joseph Camilleri. Dan Joseph Camilleri kien stqar li kien jixtri droga minghand l-imputat. Fl-istqarrija tieghu huwa ma jaghtix isem l-imputat izda minflokk jaghti deskrizzjoni u jaghti dettalji ohra dwar l-imputat u ghalkemm certu dettalji ma ngabitx prova dwarhom bhala konferma li fifatt huma veritieri, id-dettalji li jaghti m'humiex vagi. Biss pero' meta jitla jixhed f'dawn il-proceduri huwa jirreferi ghall-imputat bl-isem 'Noel' u jikkonferma li l-persuna li kien qieghed jirreferi ghaliha fl-istqarrija huwa l-imputat. Din il-Qorti tinnota li kien hemm xi diskrepanzi bejn dak li Joseph Camilleri stqarr fl-istqarrija ghal dak li hu xehed f'dawn il-proceduri. Fis-sens li fl-istqarrija tieghu Joseph Camilleri jghid li kien jixtri l-eroina ghal ghaxar ewro (€10) u li l-ewwel darba hallas madwar tlettax-il ewro (€13), filwaqt li fix-xhieda tieghu jghid li kien jixtriha ghal hames liri. Fl-istqarrija jikkonferma li kien xtara pakkett u ftit wara gie arrestat. Filwaqt li fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri jghid li qabduh il-pulizija '*qabel li ltqajt mieghu*'. U li kien ha jiltaqa' mieghu u qabduhom. Sussegwentement meta mistoqsi '*igifieri int kont ilhaqt xtrajt xi haga minn ghand Noel qabel ma qabduk il-pulizija*' wiegeb '*Kelli, xtrajt packet hux u qabduni l-pulizija*' mistoqsi x'qal lil Pulizija wiegeb '*Li kont xtrajtu m'ghand Noel.*' Huwa sussegwentement jikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu bhala l-verita'. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti ukoll issiba difficli temmen li dan Joseph Camilleri kien jxtri biss pakkett eroina fix-xahar kull meta '*naqbad ic-cekk*'.

Biss pero', oltre' minn hekk din il-Qorti ma ssibx raguni ghala ma ghandiex temmen li d-droga misjuba ghand Joseph Camilleri kien xtraha minghand l-imputat. L-ammont ta' dettalji moghtija minnu jikkonfermaw li dan ix-xhud huwa kredibli. Ma tressqet l-ebda raguni ghala dan Joseph Camilleri ma ghandux jghid il-verita' u cioe' ghaliex ghandu jindika lill-imputat bhala l-persuna li xtara minghandha d-droga eroina jekk dan ma kienx il-kaz.

Meta Joseph Camilleri mistoqsi fl-istqarrija tieghu x'karozza ghandu din il-persuna li xtara minghandha wiegeb '*Ikun b'hafna karozzi. Dan l-ahhar qieghed ikun b'karozza zghira qisha Hyundai u jekk mhux sejjer zball, il-karozza hija griza.*' PS579 Antoine Micallef fix-xhieda tieghu tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li l-imputat kien qieghed isuq Atos Hamra. Dawn id-diskrepanzi izda ma jfissrux li Joseph Camilleri mhuwiex jghid il-verita.

Din il-Qorti tissottolinea ukoll li l-fatt li l-appellant u x-xhud Joseph Camilleri taw verzjonijiet differenti ma jfissirx necessarjament li l-appellant ghandu jigi liberat. Din il-Qorti trid tqis jekk bil-provi mressqa, l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Ghalkemm id-droga misjuba fuq Camilleri baqghet ma gietx esebita fl-atti ta' din il-kawza, din il-Qorti tqis li gialadarba dan Camilleri kien jaghmel uzu mid-droga anke jekk jghid li ma ghandux il-vizzju, ma hemm l-ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddubita jekk is-sustanza kinitx droga eroina. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Sharon O'Neill'**[4] gie kkunsidrat li:

*'L-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed semplici: hija tikkontendi li galadarba ma nstabet u giet elevata ebda droga – sia jekk droga projbita taht il-Kap. 101 jew droga li hi regolata bil-Kap. 31 – hija ma setghetx tinstab hatja kif effettivament instabet. Tikkontendi li s-semplici fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess taghha u li xtrat ghal haddiehor ir-raza tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar, 2004 (Appell Kriminali Numru: 171/2003)

*ligi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wiehed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analizi taghha, jista' jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubju dwar kemm verament l-oggett li dak li jkun ikun xtara (jew zamm jew ghadda lil haddiehor) kien droga projbita mill-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bhalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-kaz – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-kaz li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oggett" iehor, allura l-htija tista' tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jinghad ghad-deposizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil- konfront tal-akkuzat meta ma tinstabx droga. S'intendi f'kaz simili l-ghaqal x'aktarx ikun jitlob li x-xhud jigi mistoqsi, fost affarijiet ohra, x'kien l-effett tat-tehid jew amministrazzjoni ta' dak l-oggett li huwa jghid li jkun xtara minghand l-akkuzat, u dan sabiex wiehed ikun jista' jivverifika jekk tali effett hux simili ghal dak tad-droga li l- prosekuzzjoni tkun qed tallega li kellu jew li bejgh l- imputat jew akkuzat. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti, konkluzzjoni bbazata esklussivament fuq iz-zewg stqarrijiet (wahda minnhom guramentata) tal-appellanti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Antoine Agius'</u>**[5] gie meqjus li:

*'Illi l-ewwel Qorti ghamlet emfasi fuq il-fatt li d-droga me gietx ezebita izda rabet dan in-nuqqas ma incident iehor bejn l-appellant u Anthony Frendo u waslet ghall-konkluzjoni li l-prova necessarja saret. Fic-cirkostanzi bhal dawn hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-ezebizzjoni tad-droga hija 'sine qua non' biex it-tezi tal-prosekuzzjoni tilhaq il-livell rikjest mill-ligi. Biss biss hemm il-kwistjoni tal-kwantita', tal-purezza u tal-valur ta' din id-droga. Dawn huma kuncetti li wiehed ma jistax jassumi izda ghandu jkun hemm certezza. Fuq kollox, dan hu d-dover tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha u l-ezebizzjoni tad-droga, zgur li hi prova materjali qawwija.*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 2015 (Appell Kriminali Numru: 366/2013)

*Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha dwar il-gurnata tal-4 ta' Lulju, 2002.*

*Illi l-appellant gie wkoll akkuzat dwar in cident li gara mhux aktar minn xahrejn qabel id-data tal-4 ta' Lulju, 2002. Fuq dan il-punt din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti fejn sabet htija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Victor Aquilina Vs Emad Masoud**'[6] deciza minn din il-Qorti kif preseduta gie kkunsidrat li:

*'Illi stante li in linea ma dak ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, l-istqarrija rilaxxata mill-appellant kif ukoll dak kollu li l-appellant qal lill-Pulizija waqt l- investigazzjoni huwa inammissibli, l-unici provi li l-Qorti ghandha quddiemha huma x-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li jixhdu dwar ir-raza tal-cannabis kif ukoll s- sustanza suspettata raza tal-cannabis esebita quddiem l-Ewwel Qorti u l-oggetti kollha elevati inkluz flixkun tal-coca 'forma ta' bong'*[7]*. Minkejja li fil-fedina penali aggornata tal-appellant prezentata fl-atti jirrizultaw numru ta' kundanni rigwardanti droga, dan bl-ebda mod ma jghin il-kaz tal-prosekuzzjoni.*

*Gialadarba ma saret l-ebda analizi tas-sustanza suspettata raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabisu, stante li l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-appellant jirrigwardaw il-bejgh jew it-traffikar kif ukoll il-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova, ma lahqitx il-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonferma l- htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant.'*

Fil-kaz odjern, id-droga misjuba ghand l-appellant giet ezaminata u gie kkonfermat li kienet id-droga eroina. Hija s-sustanza li nstabet ghand Joseph Camilleri li ma gietx ezaminata. Dwar dan, din il-Qorti tqis li kien ikun desiderabbli li d-droga tigi esebita f'dawn il-procedri biss pero' din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda raguni ghala din il-Qorti ma ghandhiex tistrieh fuq dak li xehed u stqar dan ix-xhud u cioe' li kien jixtri d-droga eroina minghand l-imputat. Relatat ma' dan, din il-Qorti tqis li l-

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru 320/2018)

[7] Xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras moghtija fit-28 ta' Mejju, 2012 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata dsatax (19) fis-sentenza citata)

imputazzjonijiet ma jirrigwardawx data specifika u cioe' d-data meta instabet id-droga eroina ghand Joseph Camilleri u cioe' t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) izda tirrigwarda id-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u cioe' l-gurnata li fuq l-appellant instabet id-droga eroina u fl-ahhar sena.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija minn Joseph Camilleri hija aktar kredibbli minn dik moghtija mill-appellant. In oltre', anke jekk ghal grazzja tal-argument biss kellha tiskarta dak li xehed u stqar fl-istqarrija Joseph Camilleri, jirrizulta li fil-pussess tal-appellant u cioe' fil-vettura li kien qieghed isuq instabu erba' pakketti ta' eroina b'piz simili. Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti '*l-imputat fil-verzjoni tieghu jghid illi d-droga fil-pussess tieghu kienet intiza ghalih u ghal siehbu u fi kliemu stess "kelli tieghi u ta' siehbi" u ghalhekk ma kienx il-kaz illi d-droga kienet intiza ghalih u illi huwa ddecieda li jaqsam minnha ma' siehbu, izda huwa akkwistaha proprju ghalih u ghal siehbu u kien fi triqtu sabiex huma jiehdu minn din id-droga flimkien. Effettivament, a priori l-imputat akkwista sehem ghal siehbu wkoll u skont hu, imbaghad siehbu kien jaghmel l-istess u ghalhekk kien ihallsu tista' tghid bid-droga wkoll.*' Dan skont l-Ewwel Qorti jammonta ghal pussess aggravat tad-droga eroina u jikostitwixxi traffikar.

Ghalhekk anke jekk din il-Qorti kellha ghal grazzja tal-argument biss temmen lill-appellant li kien bi hsiebu jiehu din id-droga ghand Camilleri u cioe' zewg pakketti ghalih u zewg pakketti ghal Camilleri, din il-Qorti tqis li ghalkemm ma kienx lehaq ghadda d-droga lil Camilleri, huwa kien bi hsiebu li jaghmel dan u ghalhekk dan ukoll jikkostitwixxi traffikar ta' droga. Dwar il-kuncett ta' 'sharing', din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Marco Galea'**[8] fejn gie kkunsidrat li:

'*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 327/2007)

*tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad- definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c- cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall- ewwel darba*[9]*, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*

*8. Issa, fil-kaz in dizamina, certament huwa nieqes l- element ta' "sharing" kif hawn aktar 'l fuq spjegat. L- appellat Galea xtara mhux biss ghalih, izda wkoll ghal Caruana, li hallsitu ghal dak li kien xtralha. Proprjament anqas jirrizulta sodisfacentement li Galea xtara ghalih ukoll f'dik il-gurnata, ghax fl-istqarrija tieghu hu nnega li f'dik il-gurnata kien xtara l-erojina. Fi kliem iehor, Galea pprovda d-droga lil Caruana, versu l-korrispettiv ta' hlas, u din marret tehodha waheda fit-toilet ta' l-istabbiliment aktar 'l fuq imsemmi. Ma kienx, ghalhekk, il-kaz li Galea kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih ma' Caruana – hu xtralha sehemha appozitament ghaliha, u kien nieqes ukoll l-element ta' "l-istess post". Konsegwentement l-ewwel qorti kienet skorretta meta applikat l-imsemmi l- ewwel proviso tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, u l-appell interpost mill-Avukat Generali ghandu jintlaqa'.*

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Assistent Kummissarju Norbert Ciappara Vs Omissis'**[10] fejn l-akkuzat kien akkuzat b'pussess ta' droga eroina li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u pussess semplici inghad li:

*'Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min*

[9] Ara it-tieni proviso tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan." (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Appell Numru: 479/2014)

*kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il- pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal- komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghannom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. '*

L-appellant fost sentenzi ohra fir-rikors tal-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Christopher Azzopardi'**[11] fejn l-akkuzat kien akkuzat b'pussess aggravat, il-Qorti kienet qieset:

*'Illi fil-fehma tal-ewwel Qorti dan ix-xenarju jinkwadra fl-ebda wahda mix-xenarji esposti fis- definizzjoni ta' traffikar u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti qatt ma setghat tasal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni tal-appellat ghandha tigi konsiderata bhala traffikar u ghalhekk kellu jigi liberat mill-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma tirrizultax li l-appellat kien offra d-droga jew offra li jipprovdi d-droga lil huh. Kien l-appellat li qal li huh talbu biex ifornielu d-droga. Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal-provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f'dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f'pozizzjoni li johodha.*

*Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2014 (Appell Kriminali Numru: 230/2013)

*appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu.*

*Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad-droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.'*

Din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu tal-ahhar sentenza citata ma taqbilx kompletament ma din il-kunsiderazzjoni maghmulha f'din l-ahhar sentenza citata stante li l-fatt li persuna jkun ghadu ma ghaddiex id-droga lil terza persuna ma jfissirx li ma jkunx ifforma l-intenzjoni sabiex jaghmel dan. Jekk ikun it-terza persuna li jkun staqsa lil imputat sabiex jiprovdi d-droga u l-imputat jaccetta li jaghmel dan, dan jista' jikkostitwixxi traffikar. L-artikolu 22(IB) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, <u>id-distribuzzjoni</u>, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, <u>li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti</u>, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:....*' *(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)*

F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Ronald Psaila'</u>**[12] gie kkunsidrat li:

'*Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar.*'

L-appellant Noel Buhagiar xehed li kien ser jaqsam id-droga ma wiehed '*Konna sejrin nehduha jiena w iehor flimkien*'. Spjega li '*konna inkunu flimkien u daqqa jixtri hu u daqqa nixtri jien u dakinhar meta qabduna, hu kien qal li xtraha minn ghandi.*' Mistoqsi jekk dejjem flimkien kienu jiehduha qal li '*Il-bicca l-kbira, daqqa jigi ghandi hu u daqqa mmur ghandu jien*' u jikkunsmawha flimkien, mhux jaghtihielu u jitlaq. Xehed li '*kont sejjer il-garaxx tieghu jien fil-fatt. Dakinhar li qabduni kont sejjer il-garaxx tieghu. Kien cempilli*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2002 (Appell Numru: 187/2002)

*ghax jien ma kontx nahdem dak iz-zmien u kont sejjer il-garaxx tieghu.'* Kellu erba' pakketti u kienu jiehdu darba filghodu u darba flghaxija. Ghalhekk l-appellant jghid li kellu erba' pakketti, tnejn ghalih u tnejn ghal Camilleri u dan biex jiehduha flimkien. Ghalhekk anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi emnut l-appellant, dan ma kienx kaz ta' sharing u cioe' persuna li per ezempju jkollha joint u dak il-hin stess jiddeciedi li jaqsmu ma' persuna ohra, izda dak li jiddiskrivi l-appellant hija sitwazzjoni premeditata u cioe' li l-appellant kien sejjer ghand Camilleri biex jiehduha flimkien u li skont l-appellant Camilleri kien gieli jixtri ghalih ukoll. Ghalkemm l-appellant ma jixhidx dwar jekk Camilleri kienx ihallsu ghad-droga li kien igib, dak li allega l-appellant u cioe' li Camilleri kien cempillu u kien sejjer ghandu bid-droga ghalih u ghall-appellant innifsu biex jiehduha flimkien jikkostitwixxi mhux biss pussess mhux ghal uzu esklussiv izda anke traffikar.

Jirrizulta li d-droga misjuba ghand l-appellant ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu u in oltre' jirrizulta ukoll li dak li jixhed Joseph Camilleri fil-konfront tal-appellant bla dubju jikkostitwixxi traffikar, filwaqt li kif inghad anke jekk ghal grazzja tal-argument kellha titwemment il-verzjoni moghtija mill-appellant, dak li jallega l-appellant fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-appellant kellu l-intenzjoni specifika li jghaddi d-droga li kellu fuqu jew parti minnha lil terza jew terzi persuni.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolmet issib htija tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe' ta' traffikar ta' droga eroina u ta' pussess ta' droga eroina li instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-applikabilita' tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li r-reati li bih l-appellant huwa mixli huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat fejn l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal diversi snin kif anke kkonfermat bix-xhieda tieghu bil-gurament stess. Jissottometti li la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabilitajiet li r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti ghandha tieqaf milli

tapplika t-terminu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza gia ghamlet referenza ghax-xhieda moghtija minn Jean Cali. Fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti xehdet Stephanie Grech, Head of Community Services fi hdan il-Caritas fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) li '*Kien f'November 2010. Meta ġie l-Caritas l-ewwel darba preżenta problema serja tal-heroin. Dak iż-żmien jiena xi two days wara rreferejtu Detox biex jibda' l-methadone biex ikun jista' jindirizza l-problema u minn dakinhar Noel kien baqa' clean. Kien qiegħed fuq 45 methadone u bdiet nieżla sakemm ġie zero methadone. Baqa' jiġi regolari jiġifieri għas-sessions u jħalli l-urine samples u f'September 2011 spiċċa mingħajr methadone jiġifieri zero methadone u aħna we released him mis-servizzi tagħna dik l-istess sena għax ma kelluux bżonn jiġi aktar.*' Is-servizz twaqqaf f'Dicembru 2011 u sas-16 ta' April haditlu urine sample u kien negative minn kull sustanza. Bejn 2011 u l-gimgha l-ohra ma kellhomx kuntatt ghax '*riliżjajnih.*' Ikkonfermat li x'gara bejn it-2011 sas 16 ta' April ma tistax tghid ghax ma ghandhiex provi tal-urines izda hajtu baqghet ghaddejja tajjeb.

In kontro-ezami spegat li '*Problema sejra tkun meta dak li jkun qed juża d-droga kuljum u ma jistax jiffunzjona mingħajra jiġifieri jrid jieħu d-droga biex hu jħossu tajjeb biex jista' jkompli bil-ġurnata tiegħu. Meta jiena mbagħad irreferejtu biex jieħu l-methadone kellu bżonn is-substitution treatment biex jkun jista' jieqaf jieħu d-droga u nfatti hekk ġara.*' L-ewwel laqgha u cioe' individual session kien f'Novembru 2010 l-urine haditu f'April 2019. Ghajtitlu u l-urine kien clean minghajr preparazzjoni ta' xejn u cioe' kien random. L-erojina generalment iddum ghal madwar gimgha biex tohrog mis-sistema. Dwar kokaina difficli tghid ghax qabel kienu jghidu tlett ijiem imma qed ikun hemm tahlit u affarijiet li gieli anke disat'ijiem. Fis-16 ta' April kien clean ghal heroin, cocaine, enphitamine u cannabis.

Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena efejn u dsatax (2019) din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rrferiet lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jaghtu dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-artikolu 6. Sussegwentement fis-sitta u

ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) giet prezentata nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord huwa sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni li ntemm b'success u esebixxa kopja tal-verbal tal-Bord u tar-rapport tal-Caritas. Fir-rapport tal-Caritas fost dettalji ohra saret referenza ghal urine tests li saru li kollha rrizultaw fin-negattiv.

Il-Qorti kif gia ppronunzjat ruhha permess tad-decizjoni tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gia assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Jirrizulta mix-xhieda tal-appellant li huwa kellu l-vizzju tad-droga u kien jabbuza mid-droga meta sehh dan il-kaz. Ghalhekk nonostante l-fatt li huwa qieghed jigi kkonfermat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, gialadarba mill-atti jirrizulta li l-appellant ilu dawn is-snin kollu hieles minn dan il-vizzju qerriedi, din il-Qorti tqis li in linea mal-proviso tal-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhiex tapplika t-termini mandatorju ta' prigunerija u dan stante li tqisha sodisfatta li fuq bilanc ta' probabilitajiet r-reati li dwarhom l-appellant nstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Ir-reati in kwistjoni sehhew aktar minn ghaxar (10) snin ilu. In oltre' mill-fedina penali aggornata jirrizulta li ghalkemm l-appellant ma ghandux fedina penali netta, jirrizulta li l-ahhar darba li nstab hati ta' reat kien fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) dwar reat sehh fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ghalhekk tul dawn l-ahhar disgha (9) snin jirrizulta li kien hemm kambjament pozittiv fl-appellant tant li llum il-gurnata huwa hieles mill-vizzju tant gherriedi.

Ghalhekk din il-Qorti tenut kont tat-tieni aggravju u anke wara li qieset it-tielet aggravju dwar il-piena erogata ghalkemm tqis li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti mhijiex wahda esagerata, tqis li ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza din il-Qorti ghandha tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija u minflokk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum. Din l-Qorti minn naha l-ohra tikkonferma l-imposizzjoni ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati f'rati

mensili u konsekutitvi ta' hamsin ewro (€50) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. F'kaz li l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mitejn u ewro u sitta u sitttin centezmu (€201.66), dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum.

Din il-Qorti izda sejra tirrevoka fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-ispejjez skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr Martin Bajada ammontati ghas-somma ta' tlett mija, wiehed u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€381.33) stante li nonostante l-fatt li dan l-espert irrelata dwar il-kontenut tal-mobile phone misjub ghand l-appellant, il-htija ma nstabitx abbazi tar-rapport ta' dan l-espert.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fejn illiberatu minnha u tikkonferma fejn sabitu hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, tirrevoka fejn ikkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija u minflokk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum. Din l-Qorti tikkonferma fejn l-appellant gie ikkundannat ghal multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekutitvi ta' hamsin ewro (€50) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. F'kaz li l-appellant jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin

Sammut ammontanti ghas-somma ta' mitejn u ewro u sitta u sitttin centezmu (€201.66), dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum.

Din il-Qorti izda qieghda tirrevoka fejn il-Qorti ordnat l-appellant il-hlas tal-ispejjez skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr Martin Bajada ammontati ghas-somma ta' tlett mija, wiehed u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€381.33).

Din il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JB4 u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghar-rilaxx tal-mobile phone esebit bhala Dokument JB5 favur l-appellant.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur